31998R1488

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI 1488/98

tat-13 ta' Lulju 1998

li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 2807/83 li jippreskrivi regoli dettaljati għaż-żamma ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' Stati Membri

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika ta' sajd komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2635/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(8) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 395/98 [4], jistabbilixxi regoli dettaljati għaż-żamma ta' informazzjoni dwar qabdiet ta' ħut ta' Stati Membri li għalihom kienu ġew iffisati TAC u kwota;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 45/98 tad-19 ta' Diċembru 1997 li jiffissa, għal ċerti popolazzjonijiet ta' ħut, il-qabdiet totali permessi għall-1998 u ċerti kondizzjonijiet li taħthom għandhom ikunu mistada [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 783/98 [6], (KE) Nru 50/98 tad-19 ta' Diċembru 1997 li jalloka, għall-1998, kwoti ta' qabdiet tal-Komunità fl-ilmijiet ta' Greenland [7] u (KE) Nru 65/98 tad-19 ta' Diċembru 1997 li jiffissa, għal ċerti popolazzjonijiet ta' ħut li jpassi ħafna, il-qabdiet totali permessi għall-1998, id-distribuzzjoni tagħhom fi kwoti għal Stati Membri u ċerti kondizzjonijiet li taħthom għandu jsir sajd għalihom [8], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1283/98 [9], jistabbilixxi għall-1998 TAC ġodda u jalloka dawn it-TAC bejn L-Istati Membri sabiex jillimita l-qabdiet ta' numru ta' popolazzjonijiet ta' ħut jew grupp ta' popolazzjonijiet ta' ħut żejda;

Billi huwa neċessarju li jkun emendat ir-Regolament (KEE) Nru 2807/83;

Billi l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għas-Sajd u Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2807/83 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Anness VII, il-punt 1, huwa miżjud dan li ġej:

"*Lepidorhombus* spp.	Lingwata/barbun	LEZ
Lophiidae	Petriċa tat-tbajja	ANF
Psetta maxima	Barbun imperjali	TUR
Scophthalmus rhombus	Rombu lixx	BLL
Rajidae	Rajja	SRX
Limanda limanda	Barbun	DAB
Platichthys flesus	Barbun ta' l-għajn	FLE

[1] ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1.
[2] ĠU L 356, tal-31.12.1997, p. 14.
[3] ĠU L 276, ta' l-10.10.1983, p. 1.
[4] ĠU L 50, ta' l-20.2.1998, p. 17.
[5] ĠU L 12, tad-19.1.1998, p. 1.
[6] ĠU L 113, tal-15.4.1998, p. 8.
[7] ĠU L 12, tad-19.1.1998, p. 72.
[8] ĠU L 12, tad-19.1.1998, p. 145.
[9] ĠU L 178, tat-23.6.1998, p. 1.

Microstomus kitt	*Lemon sole* (lingwata)	LEM
Glyptocephalus cynoglossus	Lingwata	WIT
Mallotus villosus	*Capelin*	CAP
Trachurus spp .	Sawrella ta' għajnejha kbar	JAX
Pandalus borealis	Gamblu tat-Tramuntana	PRA
Ammodytidae	*Sandeel*	SAN
Solea spp .	Lingwata komuni	SOX
Penaeus spp .	Gambli imperjali	PEN
Thunnus thynnus	Tonna tal-pinna blu	BFT
Xiphias gladius	Pixxispad	SWO";

2. fl-Anness VII, il-punt 1, il-linji li ġejjin huma mħassra:

"*Lepidorhombus whiffiagonis*	Barbun	MEG
Lophius spp .	Petriċa	MON
Trachurus trachurus	Sawrella ta' għajnejha kbar	HOM";

3. fl-Anness VII, il-punt 2, huwa miżjud dan li ġej:

"*Boreogadus saida*	Bakkaljaw polari	POC
Coryphaenoides rupestris	*Roundnose grenadier*	RNG".

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membru tal-Kummissjoni